# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

### GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis, 11 ta' April 2002

### Avviz numru : 30/2001GT(GM)

**Lawrence Vella**

**vs**

**Alex Cassar**
**Anthony Cauchi**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi:**

**"L-attur huwa l-proprejetarju tal-fond bl-isem "Lanter" Triq Santa Lucija, Kercem, Ghawdex.**

**Illi l-konvenuti huma l-proprjetarji ta' l-art li tmiss mieghu li tinsab f'fazi ta' zvilupp.**

**Illi fil-kors ta' l-izvilupp taghhom il-konvenuti serhu l-bini taghhom ma' parti mill-hajt divizorju u ghamlu uzu mill-istess. Illi inoltre huma qalghu parti ohra mill-istess hajt, utilizzaw il-gebel ezistenti u ssostitwewha b'hajt tal-kantun gdid.**

**Illi mill-komputazjoni maghmula mill-AIC Emanuel Vella hija dovuta lill-attur kumpens fis-somma ta' mija u tnejn u disghin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm192.67).**

**Illi minkejja diversi interpellazjonijiet u minkejja diversi promessi il-hlas baqa' ma sarx.**

**Illi qed jintalab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu din is-somma flimkien ma' l-ispejjez ta' dawn il-proceduri u ta' l-ittri interpellatorji tat-12 ta' Gunju 2001 u tas-27 ta' Gunju 2001."**

**Ra r-riposta:**

**"Illi qabel xejn l-attur ma ghandux dritt jesigi hlas ghall-appogg meta il-hajt originarjament mibni minnu ikun inhatt ghaliex ma kienx adattat sabiex jinbena fuqu; fit-tieni lok minghajr pregudizzu ghall-premess, mhux korrett illi jghid illi l-hajt originali kien fih erbatax-il filata biss gholi; fit-tielet lok dejjem minghajr pregudizzu, l-attur huwa fi kwalunkwe kaz ihallas l-appogg lill-konvenuti ghall-hajt gdid**

**mibni minnhom galadarba huwa akkomuna dan il-hajt; mhuwiex minnu illi l-espenenti 'utilizzaw il-gebel' l-antik.**

**Ra l-affidavits u d-dokumenti esibiti, kif ukoll sema' x-xhieda**

**Ikkunsidra**

**Illi s-somma ta' LM192 kif komputata mill-Perit Emmanuel Vella ghall-attur tirraprezenta nofs il-valur tal-hajt intier, oltre ghat-tnaqqis solitu minhabba t-tikhil, li huwa twil tmenin pied u zewg pulzieri (80'2"). Fil-fatt, jirrizulta kemm mill-istess avviz tat-talba kif ukoll mill-pjanta esibita mill-attur innifsu, a fol 25 tal-process, illi l-konvenuti serrhu l-bini taghhom ma' parti biss tal-istess hajt. Jekk wiehed jaccetta li l-hajt kien fl-gholi kif allegat mill-attur, allura l-kumpens ghal dan l-akkomunament jammonta biss ghal LM120.97c5. Mill-premessi tal-avviz, jirrizulta li l-attur qieghed jippretendi kumpens biss ghall-parti akkomunata billi l-konvenuti serrhu l-bini taghha maghhom. Ghar-rigward tal-parti l-ohra, qieghed jippretendi kumpens billi dawn utilizzaw gebel gdid flok dak li kien ilu hemm mill-1978, billi skond l-attur dan tal-ahhar kien iswed u jiswa' iktar. Izda mir-ritratt esibit Dok CA-1 a fol 29 ma jirrizultax li l-gebel kien qdiem b'tali mod li jiswa iktar bhala gebel "antik".**

**Illi da parti taghhom, il-konvenuti ma ppruvawx l-ewwel eccezzjoni fis-sens li l-hajt ma kienx addattat biex wiehed jibni fuqu; anzi, dawn qalghuh x'aktarx billi riedu jiskavaw l-art biex jaghmlu l-garaxxijiet.**

**Ghaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur limitatament fis-somma ta' LM120.97c5 kif fuq spjegat, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-12 ta' Gunju 2001 u tas-27 ta' Gunju 2001 a kariku tal-konvenuti.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**